MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## MARIO SCERRI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Talba Numru. 31/2007/1

Maltacom plc [C 22334] u b'digiret tat-18 ta' Dicembru 2007 l-isem Maltacom plc gie mibdul ghal Go plc

vs

Coronato Camilleri

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk :

"Illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' Maltacom plc is-somma ta' mija u tmenin liri Maltin u centezmu [Lm180.01] dovuti in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21550464 [A/C no. 10226635) li kien installat fil-fond 'Santa Marija', Flat 3, Triq Anton Mallia, Rabat, Ghawdex, skond diversi kontijiet mibghuta, flimkien ma' l-ispejjez, l-imghaxijiet, u drittijiet legali.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta' l-ittra ufficjali mibghuta fit-3 t'April 2007, u tal-VAT fuq id-drittijiet

professjonali, u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Ra li l-konvenut debitament innotifikat skond il-ligi bl-avviz tat-talba u bl-avviz ghas-smigh fit-3 ta' Settembru 2007, la deher u lanqas ipprezenta risposta;

Fl-udjenza tal-11 ta' Ottubru 2007, sama' lil Emanuel Cini, *customer services officer* mal-kumpanija attrici li kkonferma bil-gurament li l-ammont indikat fl-avviz tat-talba ghadu dovut fl-intier tieghu, u li l-konvenut baqa' ma hallas xejn minnu;

Fl-udjenza tal-14 ta' Novembru 2007, gew ipprezentati kapitoli ghas-subizzjoni tal-konvenut, u fl-udjenza tat-30 ta' Novembru 2007, gew miftuha dawn il-kapitoli, u fl-assenza tal-konvenut wara li gie debitament imsejjah diversi drabi skond il-ligi, u baqa' ma deherx, il-kapitoli gew approvati u meqjusa li gew mistqarra mill-konvenut.

Ra d-dokumenti esibiti;

Ikkunsidra ghalhekk li t-talba tas-socjeta' attrici hija gusta u timmerita li tigi milqugha.

Wara li ra wkoll l-artikoli 9(2)(a) u 13(b) tal-Kap.380.

Jiddeciedi ghaldaqstant billi jilqa' t-talba attrici, u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u dsatax –il Euro u wiehed u tletin centesimi [€ 419.31] ekwivalenti ghal mija u tmenin liri Maltin u centezmu [Lm180.01], ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21550464 [A/C no. 10226635], bl-imghax legali b'effett mit-3 ta' April 2007 [Ittra numru 235/07], meta saret l-ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas effettiv, u bl-ispejjez kollha gudizzjarji u legali bil-VAT inkluzi wkoll tal-ittra ufficjali msemmija, kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------